



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

July 2021 | MT

[Podcast – Il-fehma tal-organizzazzjonijiet lokali – S2 E3: Narrattiva ?dida g? all-Ewropa](#)

Il-browser tiegħek ma jappoġġjax l-element awdjo.

Il-kriżi tal-COVID-19 uriet kemm hija importanti s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini tal-UE. Fid-dawl ta' din l-esperjenza, niddiskutu għalfejn il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li għadha kemm bdiet, hija pass ġdid u importanti biex naħsbu flimkien dwar il-futur Ewropew komuni tagħna.

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** tistabbilixxi **n-narrattiva ġdida dwar l-Ewropa** li l-KESE ser ikun qed jiddiskutu fir-rwol tiegħu bħala osservatur fuq il-bord eżekuttiv tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u timpenja ruħha biex timmobilizza n-network estensiv tal-Kumitat sa iex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli.

Guy Verhofstadt, MEP, membru tal-bord eżekuttiv tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u eks Prim Ministru Belġjan, li fl-2001 ppropona d-Dikjarazzjoni ta' Laeken, li nediet il-Konvenzjoni Ewropea, jenfasizza wkoll li l-Ewropa tinsab f'salib it-toroq – li issa wasal iż-żmien biex l-Ewropa tikteb id-direzzjoni tal-futur tagħha *flimkien* maċ-ċittadini.

Lorenzo Consoli, korrespondent tal-UE u espert ta' prima klassi fl-affarijiet Ewropej, qal li matul it-30 sena li ilu Brussell, qatt ma ra lill-UE timpenja ruħha f'eżerċizzju demokratiku pan-Ewropew tant ambizzjuż. (dm)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Editorjal

Ftit ottimiżmu għas-sajf

Għeżież qarrejja,

Dan is-sajf qed nibdewh b'ħafna aktar aħbarijiet tajba mis-sena li għaddiet. Sal-aħħar ta' Lulju kważi 70 % tal-adulti fl-UE jkunu ħadu mill-inqas doża waħda ta' tilqima kontra l-COVID-19. L-ivvjaġġar qed isir possibbli, għalkemm għadu kkumplikat. U t-tnedija tal-fond ta' NextGenerationEU qed taqbad ir-ritmu.

It-tradizzjoni hi li f'Lulju tibda l-Prezidenza ġdida tal-Kunsill tal-UE. Din id-darba, il-kompitu jmiss lis-Slovenja u l-KESE qed jistenna bil-ħerqa li jikkoopera mill-qrib matul dawn is-sitt xhur. Ser naħdmu fuq opinjonijiet esploratorji mitlubin mill-Prezidenza, li jindirizzaw temi bħat-tagħlim għall-adulti, id-diġitalizzazzjoni inklużiva u ktajjen alimentari ġusti. Nittamaw

ukoll li s-sitwazzjoni epidemjoloġika se tippermettilna norganizzaw għadd ta' avvenimenti bi preżenza fiżika fis-Slovenja sabiex nisfruttaw l-opportunitajiet tan-networking.

Filwaqt li bħala skeda taż-żmien ninsabu f'pożizzjoni tajba sal-waqfa tas-sajf, għadna qed nippjanaw l-attivitajiet tagħna għall-ħarifa. Waħda mill-prijoritajiet tagħna hija l-parteċipazzjoni fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. F'Settembru, se nibdew l-attivitajiet tagħna ta' "fil-livell lokali" fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-membri tagħna, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nazzjonali, reġjonali u lokali, ser jorganizzaw għadd ta' diskussjonijiet. L-għan huwa li nisimgħu lis-soċjetà ċivili fil-livell lokali u li nintroduċu l-kontribut tagħhom f'narrattiva ġdida dwar l-Ewropa. Qed nistennew bil-ħerqa dawn l-iskambji, peress li bla dubju se jipproduċu ħafna ideat oriġinali.

Prijorità oħra għal Settembru se tkun il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-fond ta' NextGenerationEU – speċjalment il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. In-network vast tagħna ta' prattikanti li huma midħla tar-realtà fis-27 Stat Membru se jkollu rwol ewlieni hawnhekk. Irridu

ngħinu biex it-tnedija tal-fond tkun saħansitra aktar bla xkiel billi nidentifikaw ir-restrizzjonijiet u nidentifikaw dak li jiffunzjona tajjeb u dak li jista' jittejjeb.

Għeżież qarrejja, qabel jiġri dan kollu, nixtiqilkom ilkoll waqfa tas-sajf mill-aqwa, mimlija ħin ta' kwalità mal-familja u l-ħbieb. Dan kollu filwaqt li nirrispettaw ir-restrizzjonijiet, nieħdu lura saħħitna u ngawdu dawk il-mumentanti żgħar li bil-mod il-mod qed niksbu lura wara xhur tar-realtà ħarxa tal-pandemija.

Christa Schweng

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

13 ta' Lulju, Brussell

Round Table taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima u s-Sostenibbiltà

22-23 ta' Settembru 2021, Brussell

Sessjoni plenarja tal-KESE

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



“Mistoqsija lil...”

Fit-taqsimha tagħna “Mistoqsija lil ...”, aħna nistaqsu lill-membri tal-KESE jirrispondu mistoqsija ta’ attwalità li nqisuha partikolarment rilevanti.

Għall-edizzjoni ta’ Lulju, staqsejna lis-Sur Cristian Pîrvulescu, President tal-Grupp ad hoc dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, biex jaqsam magħna ħsibijietu dwar il-libertà tal-espressjoni.

Il-libertà tal-espressjoni hija dritt li rridu ng?o??u u niddefendu

Il-midja soċjali qiegħda kulma jmur trewwaħ in-nirien tal-vjolenza. Dan il-fenomenu jwassal għal vjolenza verbali jew fiżika kontra kwalunkwe awtorità, kemm jekk hija politika, tal-pulizija, istituzzjonali jew privata. Hemm l-impressjoni li fuq il-midja soċjali kolloxx jista’ jingħad, kolloxx jista’ jiġi difiż, kemm jekk inhu veru jew falz. Persuna tista’, pereżempju, tqis li d-diżappunt tagħha huwa leġittimu u tasal sal-punt li tagħti daqqa ta’ ħarta lill-President ta’ Franza.

Fil-fehma tiegħek, bħala President tal-Grupp Ad Hoc dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt, f’dan il-kuntest, sa liema punt ma għandux jinqabeż il-limitu fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet individwali, b’mod partikolari l-libertà tal-espressjoni?

Cristian Pîrvulescu: Il-libertà tal-espressjoni hija ċentrali fis-soċjetajiet demokratiċi tagħna. Huwa dritt fundamentali li mingħajru d-demokrazija ma tistax tiġi eżerċitata. Huwa wkoll simboliku li jiġi affermat li kulħadd jew kważi kulħadd jisħaq li jiddefendi l-libertà tal-espressjoni, anke dawk li l-intenzjonijiet tagħhom mhux dejjem huma li jiddefendu d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd.

Madankollu, il-libertà tal-espressjoni hija dritt li xi kultant ma jinftiehemx sew. Ħafna jemmnu li dan id-dritt huwa assolut u jużaw dan l-argument biex jiġġustifikaw l-abbużi kollha possibbli. Xi minn daqqiet, l-abbużi lingwistiċi jwittu t-triq għal vjolenza reali u inaċċettabbli. Dan rajnieh f’ċerti episodji traġiċi dan l-aħħar, li jpoġġu l-kwistjoni tar-regolazzjoni tal-midja soċjali fil-qalba tad-diskussjonijiet.

Legalment, huma l-awtoritajiet tal-Istat li huma responsabbli li jattwaw id-drittijiet. Huma jistgħu jillimitaw il-libertà tal-espressjoni, iżda biss b'mod tassew eċċezzjonali u kkontrollat: jeħtieġ li jkunu miżuri li huma meħtieġa f'soċjetà demokratika, pereżempju, għas-sigurtà nazzjonali, għall-prevenzjoni tal-kriminalità, għall-protezzjoni tas-saħħa, eċċ. Fi stat tad-dritt, huma l-qrati li għandhom ir-rwol li jsolvu t-tilwim u li jistabbilixxu l-limitu li ma għandux jinqabeż f'dan il-qasam. La l-eżekuttiv, la l-individwi u lanqas il-gruppi ma jistgħu jieħdu l-liġi f'idejhom!

L-istorja turina li, tradizzjonalment, min huwa f'pożizzjoni ta' tmexxija għandu t-tentazzjoni li jipprova jirrestrinġi l-libertà tal-espressjoni biex jillimita t-talbiet u l-oġġezzjonijiet tal-poplu. Madankollu, iċ-ċensura tal-passat m'għadhiex possibbli fiż-żminijiet tal-midja soċjali. Għalhekk, nosservaw li l-problema iċċaqalqet għal lat ieħor tal-libertà tal-espressjoni: id-dritt għall-informazzjoni. Illum sar verament diffiċli li persuna tiddistingwi bejn l-informazzjoni bbażata fuq fatti reali u d-diżinformazzjoni li tinxtered għal finijiet differenti.

Dak li huwa ċert huwa li d-difensuri ta' approċċ ibbażat fuq il-verità – pereżempju l-ġurnalisti investigattivi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem – jinsabu fuq quddiem nett. Jekk ħidmithom ma tinżilx tajjeb ma' ċerti persuni li jinsabu fit-tmexxija jew ma' ċerti gruppi, issa huwa aktar faċli li tkasbarhom online, li tpenġihom bħala għedewwa tan-nazzjon jew aġenti barranin fil-midja u fuq il-midja soċjali, aktar milli jiġu ċċensurati. L-ewwel eżempju li jiġi f'moħħna huwa dak tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Hija kienet soġġetta għal għexieren ta' azzjonijiet legali abbużivi (l-hekk imsejħa SLAPP – kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika) qabel ma nqatlet. Peress li ma rnexxilhomx isikktuha, xi wħud iddeċidew li joqtluha! Il-fatt li feġġgħet il-vjolenza kontra l-ġurnalisti fl-Ewropa jagħmilha saħansitra aktar evidenti li l-libertà tal-espressjoni hija dritt li rridu ngħożżu u niddefendu b'mod deċiżiv f'din ir-realtà l-ġdida.

u nieda żewġ Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja dwar [l-impatt](#) u dwar [l-aspett tal-istat tad-dritt tal-fondi għall-irkupru](#).

B'mod ġenerali, il-valur miżjud prinċipali tal-Grupp FRRL huwa li jikkontribwixxi bil-perspettiva soċjo-ekonomika dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, u joħloq koalizzjoni tat-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż l-imsieħba soċjali. L-Opinjoni tagħna dwar [L-impatt tal-istat tad-dritt fuq it- tkabbir ekonomiku](#) tissimbolizza dan l-approċċ u l-interess dejjem jikber tal-impjegaturi, tal-ħaddiema, u tal-forzi tas-soċjetà ċivili rrappreżentati fil-Grupp Diversità Ewropa, f'dawn il-kwistjonijiet. Il-parteciċipazzjoni attiva tal-gruppi kollha hija ċentrali għall-ħidma tal-Grupp FRRL.

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



[Il-mistieden sorpri? a](#)

Kull xahar b'sorpriża nippreżentaw mistieden li x-xogħol u l-impenn tiegħu huma sors ta' ispirazzjoni għall-oħrajn. Għall-edizzjoni ta' Lulju tal-KESE Info, stedinna lil Dr Hans Henri Kluge, Direttur Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u lil Johan Strid, Direttur ta' The Ocean Race Summits.

Dr Hans Henri P. Kluge beda l-kariga ta' Direttur Reġjonali għall-Ewropa tal-WHO fl-1 ta' Frar 2020, wara li ġie nnominat mill-Kumitat Reġjonali għall-Ewropa tal-WHO u maħtur mill-Bord Eżekuttiv tal-WHO. Għandu 25 sena esperjenza fil-prattika medika u s-saħħa pubblika f'diversi ambjenti f'partijiet differenti tad-dinja.

Johan Strid beda bħala Direttur ta' The Ocean Race Summit f'Awissu 2020. Qabel, kien is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Paralimpiku Żvediż u, qabel dan, bħala Segretarju Ġenerali tal-Iscoots u l-Guides Żvediżi. Johan

għandu sfond vast fis-soċjetà ċivili, peress li kien fuq il-bord tal-Kunsill Żvediż taż-Żgħażaġħ, is-Salib l-Aħmar tal-Iżvezja u l-Ecpat. Huwa kien intraprenditur u beda għadd ta' kumpaniji. Fil-livell Ewropew Johan serva bħala President tal-Kunsill Konsultattiv għad-Direttorat taż-Żgħażaġħ tal-Kunsill tal-Ewropa u kien membru tal-Kumitat Ewropew tal-Iscoout.



“!Il-futur mhuwiex minqux fil-?ebel u f’idejna kif tippro?edi l-pandemija tal-COVID-19”

Intervista ma’ Dr Hans Henri Kluge, Direttur Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

X’inhu l-impatt tal-kampanja tat-tilqim fl-Ewropa kif taraha inti?

Mill-4 ta’ Frar 2021, iżjed nies ġew vaċċinati kontra l-COVID-19 globalment milli ġew ikkonfermati li infettati mill-bidu tal-epidemija. S’issa (sas-17 ta’ Ġunju) ġew amministrati aktar minn 477 miljun doża ta’ vaċċini tal-COVID-19 fir-Reġjun Ewropew.

Dan juri li qed isir progress kbir: ir-rati ta’ ammissjonijiet fl-isptarijiet u ta’ mwiet qed jonqsu, b’mod partikolari fil-pajjiżi fejn għadd kbir mill-popolazzjoni ta’ adulti ikbar fl-età ħadu l-vaċċin. Dan juri mhux biss li t-tilqim jaħdem, iżda wkoll li l-istrateġija li jiġu vaċċinati l-ewwel dawk fl-ikbar riskju, kif imfisser kemm mill-kumitati konsultattiv reġjonali kif ukoll dawk globali, u implimentata fir-Reġjun Ewropew tad-WHO, taħdem – biex insalvaw il-ħajja, naqqas il-piż fuq is-sistemi tas-saħħa u oħroġna mill-istadju kritiku tal-pandemija kemm jista’ jkun malajr.

Filwaqt li t-tilqim qed jaqdi rwol importanti fit-tnaqqis tar-rati ta’ ammissjonijiet fl-isptarijiet u ta’ mwiet, irridu nibqgħu kawti, għaliex anke jekk xi ħadd ikun vaċċinat, xorta jista’ jiġi infettat u tgħaddi l-virus lil xi ħadd ieħor. Irridu nkomplu jimplimentaw il-miżuri tas-saħħa pubblika u soċjali pprovati li jaħdmu, filwaqt li nħaffu l-pass tat-tilqim.

Messaġġ importanti ħafna li nixtieq inwassal huwa li l-futur mhuwiex minqux fil-ġebel, u kif tipproċedi l-pandemija tal-COVID-19 huwa f’idejna, peress li hija determinata mill-azzjonijiet ta’ individwi u tas-soċjetà kollha kemm hi.

U x’inhu s-sitwazzjoni globalment?

Wieħed mill-messaġġi ewlenin huwa hija meħtieġa iktar ekwità. It-tilqim qed inaqqas il-mard serju u l-imwiet f’pajjiżi li huma fortunati biżżejjed biex ikollhom kwantitajiet suffiċjenti biex ikopru lil dawk l-aktar vulnerabbli, u riżultati bikrin jissuġġerixxu li l-vaċċini jistgħu wkoll inaqqsu t-trażmissjoni. Id-disparità xokkanti fil-livell globali fl-aċċess għall-vaċċini tibqa’ wieħed mill-ikbar ostakli biex intemmu din il-pandemija.

Bħalissa, 77% tad-dożi tal-vaċċini kollha globalment ingħataw f’10 pajjiżi biss. Irridu nagħmlu aktar biex niżguraw li l-vaċċini jkunu mifruxa b’mod ekwitabbli bejn il-pajjiżi u l-popolazzjonijiet.

Messaġġ relatat ieħor huwa li s-solidarjetà hija kruċjali. Dan huwa l-waqt li nisfruttaw is-solidarjetà u l-appoġġ kollu biex niżguraw li ħadd ma jitħalla lura. Ejjew nimmiraw li nilħqu kopertura tal-vaċċinazzjoni għolja f’kull pajjiż, ibda minn dawk l-iktar f’riskju, sabiex inkunu nistgħu nieħdu pass kbir eqreb lejn il-jum meta nerġgħu nibdew ngħixu l-ħajja normali tagħna.

Fl-74 Assemblea tas-Saħħa Dinjija, id-Direttur Ġenerali tad-WHO appella lill-pajjiżi biex jappoġġjaw l-isforz massiv biex tiġi vaċċinata mill-inqas 10% tal-popolazzjoni f’kull pajjiż sa Settembru, u sforz ieħor sa Diċembru biex nilħqu l-għan tagħna li mill-inqas 30% tal-popolazzjoni tkun vaċċinata sal-aħħar tas-sena. Bħala komunità globali tas-saħħa pubblika, irridu nsaħħu l-isforzi tagħna.

X'inhuma t-tagħlimiet li ħadna u kif nistgħu nkunu iktar ippreparati għall-futur?

L-74 Assemblea tas-Saħħa Dinjija, li ltaqgħet mill-24 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju, iffukat fuq it-tmiem tal-COVID-19 u wkoll fuq it-tnejjija għall-pandemija li jmiss. Aktar importanti, kienet impriża kollettiva kbira ħafna biex nisiltu tagħlimiet mill-pandemija attwali.

Id-WHO kienet ikkummissjonat diversi eżamijiet u panels indipendenti biex jiggrawidaw lill-komunità tas-saħħa globali biex titjeb fir-rispons kollettiv tagħna għal kull tifqigħa pandemika jew xi emerġenzi oħrajn tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali.

L-eżamijiet kollha pprovdew rakkomandazzjonijiet b'saħħithom u ċari dwar il-futur ta' rwol tad-WHO iktar b'saħħtu fir-rispons għal emerġenzi tas-saħħa. Issa jeħtieġ li nimxu mir-rakkomandazzjonijiet għall-azzjoni biex issir realtà. Dan se jkun xogħol kbir, li jeħtieġ impenn politiku u finanzjarju wiesa', u b'għan komuni ċar li nsalvaw aktar ħajjiet, nipprevjenu t-telfien tal-impjiegi, u noħolqu ekwità fir-rispons tagħna għal pandemija.

Saru proposti għal trattat pandemiku ġdid sabiex tissaħħaħ l-arkitettura għat-tnejjija u r-rispons għal pandemiji. Dan se jiġi diskuss f'sessjoni speċjali tal-Assemblea tas-Saħħa Dinjija li se ssir f'Novembru.

Fir-Reġjun Ewropew, stabbilixxajt il-"Kummissjoni Monti" - Kummissjoni Pan-Ewropea dwar is-Saħħa u l-Iżvilupp Sostenibbli, sabiex naħsbu mill-ġdid dwar il-prijoritajiet ta' politika fid-dawl tal-pandemiji. Filwaqt li tinkludi eks-kapijiet ta' stat, xjenzati u ekonomisti, kapijiet ta' istituzzjonijiet tas-saħħa u tal-kura soċjali, u mexxejja tal-komunità tan-negozju u l-istituzzjonijiet finanzjarji mir-Reġjun, din il-Kummissjoni se tislet tagħlimiet mill-modi kif is-sistemi tas-saħħa tal-pajjiżi differenti rreaġixxew għall-pandemija tal-COVID-19 u se tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar investimenti u riformi sabiex titjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura soċjali.

L-UE kif qed tappoġġja l-isforzi globali u reġjonali fil-ġlieda kontra l-COVID-19?

L-UE hija wieħed mill-imsieħba l-aktar importanti tan-Nazzjonijiet Uniti globalment.

Il-proċess ta' adeżjoni tal-UE hija mutur prinċipali ta' riforma u sors ta' motivazzjoni għall-gvernijiet biex jagħmlu progress fuq firxa ta' oqsma leġislattivi u ta' politika. Il-pakketti ta' investiment tal-UE se jkunu mutur prinċipali biex jiġu ffaċilitati aktar investimenti pubbliċi u privati fil-Balkani tal-Punent u s-Sħubijiet tal-Lvant, inkluż fis-settur tas-saħħa, minn istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u internazzjonali. Napprezzaw ukoll l-investimenti tal-UE fis-saħħa permezz ta' finanzjament għal u azzjonijiet konġunti mad-WHO/Ewropa fi Stati Membri mhux tal-UE.

Fil-perjodu attwali (post-)pandemiku, id-WHO/Ewropa hija impenjata fil-bini ta' alleanzi u t-tiswir ta' strateġiji konġunti bejn in-NU u l-UE bil-għan li: jimxi 'l quddiem il-proċess tal-adeżjoni tal-UE fis-sottoreġjun tal-Balkani tal-Punent, u t-tisħiħ tal-ispazju demokratiku u ekonomiku fil-pajjiżi tal-Viċinat tal-UE.

Id-WHO/Ewropa qed taħdem biex tuża l-pożizzjoni prominenti tagħha ta' tmexxija fil-qasam tas-saħħa biex tallinja, tappoġġja u taċċellera b'mod attiv sħubijiet u kollaborazzjonijiet strateġiċi fis-sottoreġjuni Ewropej bħala l-element ċentrali tal-progress tagħna fis-saħħa lejn l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Ewropew 2020-2025, u t-tilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 2030.



“Ilkoll għandna nagħmlu dak li nistgħu biex intejbu s-saħħa tal-pjaneta”

minn Johan Strid, Direttur tal-Ocean Race Summit

“Għala kompetizzjoni tal-ibburdjar - l-Ocean Race - trid tgħin tixpruna politiki ġodda u mtejba biex jiġu indirizzati wħud mill-iżjed kwistjonijiet urġenti li qed tiffaċċja l-pjaneta tagħna?” Ta’ spiss ikolli dil-mistoqsija, u t-tweġiba tiegħu hi li **lkoll għandna nagħmlu dak li nistgħu biex intejbu s-saħħa tal-pjaneta u, għalina b’mod iżjed speċifiku, il-post tad-divertiment tagħna: l-oċean.**

Għandna oċean wieħed biss, iżda l-mod li bih jiġi protett u ggvernat huwa frammentat. Meta ma’ dan inżidu l-impatt tat-tibdil fil-klima, qed nitħaddtu dwar sitwazzjoni disastruża għad-dinja marittima tagħna. Il-baħrin fl-Ocean Race esperjenzaw l-oċean, u l-fatt li sejjer lura, iżjed mill-

biċċa l-kbira tan-nies fuq il-pjaneta. Neħtieġu b’mod urġenti li noħolqu sistema aħjar, u fil-qalba tagħha għandu jkun hemm il-kollaborazzjoni.

Se neżaminaw jekk hux possibbli li jkollna oċean protett u ġestit aħjar jekk nagħtuh id-drittijiet legali proprji tiegħu, u l-ispirazzjoni tagħna għal dan huwa l-istudju radikali tal-KESE ***Lejn Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali tan-Natura.***

L-Ocean Race tirrappreżenta l-aħrax sfida fid-dinja f’dak li jirrigwarda d-dinamika ta’ tim f’attività sportiva. Nistgħu nisfruttaw id-determinazzjoni ta’ din l-isfida - li teħodna madwar id-dinja - biex nindirizzaw il-ħtieġa għal politiki globali mtejba dwar l-oċeani. M’aħniex gvern, NGO, istituzzjoni akkademika jew negozju. Aħna kompetizzjoni sportiva. Dan jagħtina pjattaforma indipendenti u fuq skala wiesgħa li fiha nistgħu nlaqqgħu flimkien nies mis-setturi kollha tas-soċjetà fi djalogu dwar soluzzjonijiet għall-oċean. Għal din ir-raġuni norganizzaw l-Ocean Race Summits.

Sal-lum il-ġurnata, organizzajna 11-il summit, u l-iżjed wieħed reċenti sar fis-16 ta’ Ġunju u ffoka fuq l-Ewropa, bil-parteċipazzjoni ta’ **Ursula von der Leyen**, President tal-Kummissjoni tal-UE; **Cillian Lohan**, Viċi President tal-KESE; u **Virginijus Sinkevičius**, Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, l-Oċeani u s-Sajd.

Qabel Settembru 2023, se norganizzaw tmien summits fi nħawi ewlenin fil-kontinenti kollha. Dawn se jlaqqgħu flimkien atturi globali mill-gvern, ix-xjenza, l-industrija, l-NGOs, il-midja u l-isport, flimkien ma’ sostenituri ddedikati tal-oċeani, biex jixprunaw soluzzjonijiet u impenji biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li qed jiffaċċjaw l-ibħra tagħna. Qed nużaw metodi ta’ ħidma innovattivi li jisfruttaw il-motivazzjoni, il-kompetenza u l-kreattività mill-parteċipanti kollha fil-Laboratorji ta’ Azzjoni tagħna. Din is-sensiela ta’ avvenimenti ta’ livell għoli se twassal għal katalogu ta’ proposti għal politiki globali mtejba dwar l-oċeani, abbażi tad-drittijiet tal-oċeani.

Apparti s-summits, l-Ocean Race qed tixpruna programm dwar is-sostenibbiltà li rebaħ diversi premji, abbażi tal-fatt li għandna r-responsabbiltà li nintegraw is-sostenibbiltà fil-qalba tal-operat tagħna u nħallu warajna legat pożittiv għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-programm ta’ tagħlim tagħna jgħalliem lit-tfal u liż-żgħażaġh kif jgħinu lill-oċean. It-tagħmir xjentifiku fuq id-dgħajjes parteċipanti jikkontribwixxi b’dana siewja. Meta nieqfu xi mkien, nipprojbixxu l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, nagħżlu ikel sostenibbli u noħolqu

strateġija responsabli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u nimmiraw li jkollna enerġija li tkun 100% sostenibbli.

Irridu nuru lid-dinja li mhux biss huwa possibbli li jkun hemm avveniment sportiv globali li jkun sostenibbli, iżda wkoll li huwa impossibbli li ma nkunux sostenibbli.

Il-KESE huwa msieħeb prezzjuż ħafna għalina. Intom tirrappreżentaw is-soċjetà ċivili organizzata fl-Ewropa u għandkom vuċi meta l-UE tkun qed tiegħu d-deċiżjonijiet. Il-pjattaforma tagħkom tlaqqa' fi ħdanha ħafna minn dak li rridu niksbu permezz tal-Ocean Race Summits, punt fejn jiltaqgħu l-forzi kollha li jridu jikkontribwixxu għal oċean aktar b'saħħtu, li jirrappreżentaw il-fergħat kollha tas-soċjetà globali. Nittama li flimkien nistgħu nibnu fuq dak li għamilna flimkien fl-Ocean Race Summit tal-Ewropa u nikkooperaw biex niżguraw li l-gvernijiet, il-kumpaniji, l-NGOs u l-istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom fir-rigward tal-oċean. In-network globali tan-negozji, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet tal-KESE u l-membri tiegħu huma assi importanti ħafna fil-ħidma favur oċean b'saħħtu. Il-ħidma tagħkom dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tan-Natura tirrappreżenta bażi eċċellenti biex il-koll insejsu l-ħidma tagħna fuqha.

Aħna grati għall-kooperazzjoni mal-KESE u nittamaw li nkomplu naħdmu flimkien biex niksbu r-rikonoxximent legali globali għad-drittijiet tan-natura u tal-oċeani.



[Herman van Rompuy: The old poet speaks gently](#)

We are delighted to host a new selection of haikus by Herman Van Rompuy, former President of the European Council, as part of our series "The old poet speaks gently."

These haikus were originally written in French

Herman van Rompuy: The old poet speaks gently

Like every year the flowers
Are on their way to their appointment
More faithful than people

A vast forest

With spaces of shadow and light
Like life

Everywhere in the world
Poets sing of life and nature
This sharing makes peace



Herman van Rompuy: Le vieux poète parle doucement

Nous avons le plaisir de poursuivre la publication de la série de haïkus, sous le titre commun "Le vieux poète parle doucement", qui nous a été offerte par leur auteur Herman van Rompuy, ancien président du Conseil européen.

Comme chaque année les fleurs
Sont sur leur rendez-vous
Plus fidèles que les hommes

Une vaste forêt

Aux espaces d'ombre de lumière
Comme la vie

Partout dans le monde
Les poètes chantent la vie et la nature
Ce partage fait la paix

A?BARIJET TAL-KESE



Il-Presidenza Slovena tal-UE tasal fi ?mien kritiku g?all-Ewropa

Fl-1 ta' Lulju 2021 is-Slovenja ħadet f'idejha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fi żmien meta l-Ewropa qed tfittex li tirkupra, tibni mill-ġdid aħjar, u toħroġ aktar b'saħħitha mill-pandemija tal-COVID-19.

It-tieni presidenza tal-UE tas-Slovenja wara l-adeżjoni tagħha mal-UE fl-2004 se titmexxa bis-slogan "Flimkien. Reżiljenti. Ewropa." tliet kelmiet li jissimbolizzaw il-prijoritajiet ewlenin tagħha. Fi kliem il-presidenza Slovena stess: "Biex insaħħu r-reżiljenza tal-UE se jkun kruċjali li naħdmu flimkien, nappoġġjaw lil xulxin u naġixxu b'solidarjetà għall-ġid ta' kull ċittadin individwali Ewropew."

Il-programm tal-presidenza Slovena jiffoka fuq erba' priyoritajiet:

- it-tis?i? tar-**reżiljenza** tal-UE g?al diversi forom ta' kri?i, b?all-pandemija tal-COVID-19, u t-tkomplija fuq il-?idma tal-presidenzi pre?edenti tal-?ermanja u tal-Portugall dwar it-tis?i? tar-re?iljenza ?ibernetika tal-UE;
- il-?estjoni tal-**irkupru** ekonomiku u so?jali wara l-pandemija filwaqt li ti?i ffa?ilitata t-tran?izzjoni g?al forom ta' ekonomija aktar avvanzati f' termini ta' teknolo?ija u aktar ekolo?i?i;
- il-promozzjoni g?all-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**, li se tkun it-tema ewlenija tal-**Forum Strateġiku ta' Bled** kmieni f' Settembru, li mistenni jattendu g?aliha firxa wiesg?a ta' parte?ipanti minn diversi istituzzjonijiet Ewropej.
- l-i?gurar u t-tis?i? tal-istil ta' ?ajja Ewropew, inklu? ir-rispett tal-**istat tad-dritt**.

Bis-segwitu għal dawn it-tliet priyoritajiet, is-Slovenja se tħabrek għal Unjoni Ewropea kredibbli u sigura, li tkun kapaċi tiżgura sigurtà u stabbiltà fil-viċinat tagħha. Se tingħata attenzjoni speċjali għall-**Balkani tal-Punent** u għal segwitu kredibbli tal-proċess ta' tkabbir tal-UE tagħhom. F'Ottubru 2021 is-Slovenja qed tippjana li tospita s-**Summit** informali **bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Balkani tal-Punent tal-KESE, li se jiġi organizzat fl-aħħar ta' Settembru, se jikkontribwixxi għas-Summit b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi mis-soċjetà ċivili organizzata.**

Il-KESE se jiżgura li l-vuċi tas-soċjetà ċivili organizzata titwassal permezz ta' **ħames opinjonijiet esploratorji**, mitlubin mill-presidenza Slovena, dwar temi li jvarjaw mit-tagħlim għall-adulti sa ktajjen ġusti tal-provvista tal-ikel. Dawn l-opinjonijiet esploratorji huma:

1. Tagħlim g?all-adulti;
2. Komponenti ewlenin ta' xog?ol ta' kwalità sostenibbli matul u wara l-irkupru;
3. L-isfruttar tal-opportunitajiet ekonomi?i u so?jali tad-di?italizzazzjoni u t-titjib tat-trasformazzjoni di?itali tal-ekonomija, b' mod spe?ifiku l-SMEs, b' enfasi fuq l-intelli?enza artifi?jali u d-data i??entrati fuq il-bniedem;
4. Na??ornaw id-di?italizzazzjoni inklu?iva, sigura u affidabbli g?al kul?add;
5. Lejn katina ?usta tal-provvista tal-ikel.

Il-KESE qed jistenna bil-ħerqa li jaħdem mal-gvern Sloven fuq inizjattivi u avvenimenti konġunti, u li jappoġġja lill-presidenza Slovena permezz tan-network estiż tiegħu tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea. Il-Kumitat jinsab kuntent li diġà ġie mistieden għar-**Round Tables dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** li huma pplanati fis-Slovenja, u għall-Forum Strateġiku ta' Bled.

Aktar informazzjoni dwar il-presidenza Slovena tinsab hawn:

<https://slovenian-presidency.consilium.europa.eu/en/> (st)



Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: Il-konsultazzjonijiet tal-KESE ser jil'qu kull rokna tal-Ewropa

Il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, **Christa Schweng**, tat bidu għall-attivitajiet uffiċjali tal-Kumitat relatati mal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (CoFoE) b'sessjoni diretta ta' mistoqsija u tweġiba. **#CoFoE - Inwasslu l-proġett Ewropew lura għand iċ-ċittadini** stabbilixxa l-opinjonijiet u l-aspettattivi tas-soċjetà ċivili organizzata rigward il-Konferenza. Dan l-avveniment enfażizza wkoll l-importanza ta' involviment ma' persuni barra mill-bużżejqa ta' Brussell u ta lok għal skambju ta' ideat bi tnejn għall-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini li ġejjin.

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** qalet li l-Kumitat se jmexxi inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri kollha sabiex jiggarrantixxu rappreżentanza ġusta: "Aħna se ninvolvu lil min iħaddem, lill-ħaddiema u lis-soċjetà ċivili organizzata kollha u nwasslu l-opinjonijiet tagħhom lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa". Hija rreferiet ukoll għar-[riżoluzzjoni tal-KESE](#) adottata reċentement li tipproponi narrattiva ġdida għall-Ewropa.

Il-viċi president tal-Kummissjoni **Dubravka Šuica** qalet li "Il-politika nbidlet fl-Unjoni Ewropea. Għall-ewwel darba, il-Konferenza ġġib liċ-ċittadini fil-qalba tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni Ewropea. Permezz tal-Konferenza, iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili jistgħu flimkien jeżiġu sjieda tal-Unjoni Ewropea futura tagħhom".

L-MEP **Eva Maydell** saħqet li "xogħolna hu li nagħmlu l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa sinifikanti għaċ-ċittadini".

Il-ħidma tal-KESE dwar narrattiva ġdida għall-Ewropa tmexxiet mill-presidenti tat-tliet gruppi li jiffurmaw il-Kumitat: **Stefano Mallia** (Min Iħaddem), **Oliver Röpke** (Ħaddiema) u **Séamus Boland** (Diversità Ewropa).

Cillian Lohan, il-viċi president tal-KESE responsabbli għall-komunikazzjoni, għalaq id-diskussjoni billi qal li l-konsultazzjonijiet tal-KESE dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa se jaslun f'kull rokna tal-Ewropa u se jkun mifruxa kemm jista' jkun.

Il-Konferenza tippjana li jkollha l-konklużjonijiet tagħha lesti għar-rebbiegħa tal-2022 u l-istituzzjonijiet tal-UE mbagħad jirriflettu fuq dak li ilhom jgħidu l-Ewropej.

Ara l-avveniment ta' inawgurazzjoni #CoFoE - Inwasslu l-proġett Ewropew lura għand iċ-ċittadini fuq [il-kont Twitter tal-KESE @EU EESC](#) jew fuq [Facebook](#). (ks)



“Il-Patt Ekoloġiku Ewropew se jkun ?ust, jew sempli?iment mhux se jsir”

Fil-plenarja tal-KESE ta' Ġunju, Frans Timmermans ħabbar miżuri sabiex daww l-aktar vulnerabbli jiġu mħarsa mill-estensjoni possibbli tal-ipprezzar tal-karbonju għall-fjuwils li jintużaw għat-tisħin u għat-trasport, u sema' l-proposti tal-KESE sabiex jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet korporattivi dwar it-tranżizzjoni ekoloġika permezz tad-djalogu soċjali.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, filwaqt li laqgħet lill-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea **Frans Timmermans**, qalet: “Il-Patt Ekoloġiku huwa strateġija ambizzjuża għat-ktabbir sabiex l-UE tikseb newtralità klimatika sal-2050 u jipprovdri impetu ekonomiku, iżda d-dimensjonijiet soċjali, u daww marbuta max-xogħol, is-saħħa u l-ekwità għandhom jissaħħu sabiex l-ebda persuna, komunità, ħaddiem, settur jew reġjun ma jitħalla jibqa' lura”.

Is-Sur **Timmermans** sostna li d-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika hija tħassib ewlieni għall-Kummissjoni, peress li l-pandemija aggravat bil-kbir id-disparitajiet soċjali. Huwa ddeskriva l-elementi ewlenin tal-pakkett Fit for 55 li għandu jiġi ppreżentat fl-14 ta' Lulju.

Il-pakkett se jintegra l-ġustizzja soċjali fil-proposti l-ġodda”, tenna s-Sur Timmermans, billi:

- il-pi? tal-azzjoni dwar il-klima jinqasam b' mod ?ust bejn l-industriji, l-gvernijiet u l-individwi, u
- ji?i introdott mekkani?mu so?jali sabiex jg?in biex jittaffa l-impatt tal-mi?uri fuq daww l-aktar vulnerabbli, b?all-estensjoni possibbli tal-ipprezzar tal-karbonju g?all-fjuwils li jintu?aw g?at-tis?in u g?at-trasport.

“Jeħtiġilna nipproteġu l-unitajiet domestiċi vulnerabbli minn żidiet potenzjali fil-prezz tal-fjuwils għat-tisħin u t-trasport, speċjalment f'reġjuni fejn alternattivi nodfa mhumiex faċilment disponibbli”, qal is-Sur **Timmermans**. “Jekk se nintroduċu skema għan-negożjar ta' emissjonijiet għal dawn il-fjuwils, dan ifisser li rridu nsaħħu l-impenn tagħna għall-ġustizzja soċjali. Kwalunkwe proposta dwar in-negożjar ta' emissjonijiet f'dawn is-setturi l-ġodda fl-istess ħin trid tkun akkumpanjata bi proposta dwar l-impatt soċjali”.

Bħala parti mid-dibattitu, is-Sur **Timmermans** sema' l-kontribut tal-KESE dwar it-tfassil ta' patt soċjali bħala parti integrali tal-Patt Ekoloġiku. Il-proposti, stabbiliti mir-relatur **Norbert Kluge** f'Opinjoni bit-titolu [L-ebda](#)

patt ekoloġiku mingħajr patt soċjali jiffukaw fuq parteċipazzjoni tal-ħaddiema aktar b'saħħitha fit-teħid ta' deċiżjonijiet korporattivi u fuq ir-responsabbiltà soċjali korporattiva.

“Aħna nemmnu li billi tinstema’ l-vuċi tal-ħaddiema nistgħu ntejbu l-kwalità tad-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-kumpaniji jieħdu fit-tranżizzjoni lejn mudell ekoloġiku”, qal is-Sur **Kluge**.

“L-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll il-parteċipazzjoni fil-livell tal-bord ixaqilbu favur approċċ aktar fit-tul u jtejbu l-kwalità tat-teħid ta’ deċiżjonijiet f’aġenda ta’ riforma ekonomika”, tenna s-Sur Kluge.

Madankollu, il-KESE jenfasizza li patt soċjali bħala parti essenzjali ta’ Patt Ekoloġiku mhux relatat biss max-xogħol. Dan jikkonċerna l-introjtu, is-sigurtà soċjali u l-appoġġ fiskali għal dawk kollha li jkollhom bżonnu, inklużi dawk mingħajr l-ebda aċċess għax-xogħol. (dm)



L-irkupru u r-rikostruzzjoni wara l-pandemija jridu jkunu prijorità g'all-futur tal-Ewropa

Il-prijoritajiet ewlenin tal-UE għall-futur qrib iridu jinkludu li l-ekonomija Ewropea terġa’ taqbad it-triq it-tajba biex twassal għal tranżizzjoni sostenibbli u ġġib il-prosperità lin-nies u lin-negozji tal-Ewropa. Din hija d-direzzjoni ewlenija tar-Riżoluzzjoni dwar il-kontribut tal-KESE għall-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2022, adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta’ Ġunju.

Iż-żewġ kelmiet li għandhom ikunu fil-mira tal-attenzjoni wara l-pandemija huma rkupru u rikostruzzjoni, jiddikjara l-KESE fir-Riżoluzzjoni. Kemm l-investiment kif ukoll ir-riformi jridu jiġu implimentati sabiex negħlbu l-kriżi ekonomika u soċjali u nsaħħu r-reżiljenza tal-Ewropea għal xokkijiet futuri, u dan għandu jsir abbażi ta’ tkabbir inklużiv u sostenibbli, xogħol diċenti u l-ġustizzja soċjali.

Il-pilastri ewlenin għandhom ikunu:

- jiġi liberat il-potenzjal s’i? tas-Suq Uniku;
- jintla?qu l-G?anijiet ta’ ?vilupp Sostenibbli;
- tin?oloq ekonomija ?irkolari u tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050;
- ji?u ?ġurati l-governanza tajba u r-responsabbiltà demokratika.

Hi u tikkummenta dwar l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni, **Christa Schweng**, il-President tal-KESE, qalet: “*Għandi fiduċja li r-rakkomandazzjonijiet tal-KESE, li ppreżentajna bil-quddiem sew, se jipprovdu kontribut ta’ valur għall-programm ta’ ħidma li ġej tal-Kummissjoni. Il-Kumitat jibqa’ impenjat bis-sħiħ biex jappoġġja s-sitt*

ambizzjonijiet il-kbar tal-Kummissjoni u jaqdi r-rwol tiegħu billi jiffaċilita d-djalogu fi ħdan is-soċjetà ċivili u mal-istituzzjonijiet Ewropej, sabiex dawn l-ambizzjonijiet isiru realtà”.

Is-Sinjura Schweng żiedet tgħid li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha, permezz ta’ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, se tqiegħed il-proċess tal-irkupru u t-tfassil mill-ġdid tal-futur tal-Ewropea fuq bażi ġenwinament demokratiku: *“Nistenna lill-Kummissjoni tadotta l-proposti tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea meta tistabbilixxi l-prijoritajiet għas-sena d-dieġla.”*



L-istrateġija l-?dida tal-UE dwar il-kanċer hija opportunità tremenda biex ti?i salvagwardjata s-sa ??a tal-Ewropej

Billi l-kanċer huwa mistenni li jsir il-kawża ewlenija tal-mewt fl-UE, il-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer huwa ċertament f’waqtu. Il-KESE jilqa’ dan il-pjan li huwa pass importanti fil-ġlieda kontra l-kanċer. Madankollu, forom mhux solvuti ta’ inugwaljanza reġjonali u soċjali jfissru li għad hemm lok għal titjib.

Il-KESE jappoġġja b’mod qawwi l-pjan il-ġdid tal-Kummissjoni ta’ EUR 4 biljun biex tiffinanzja l-azzjoni fir-rigward tal-kanċer, l-ewwel dokument ta’ strateġija mill-1990 li tiffoka fuq il-ġlieda kontra din il-marda kiefra.

“L-UE teħtieġ Pjan Marshall ġdid għall-onkoloġija, u dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. M’għandhiex naħlu din l-opportunità”, enfasizzat **Malgorzata Anna Bogusz**, relatur għall-Opinjoni tal-KESE dwar [Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer](#).

“Il-pjan huwa adatt għall-miri li huwa mfassal għalihom billi jkopri ħafna mill-aspetti ewlenin tal-ġlieda kontra l-kanċer,” qalet **Milena Angelova**, korelatur tal-Opinjoni.

Il-mortalità u l-morbidità tal-kanċer huma korrelatati mat-tip ta’ kanċer, mal-post fejn jinsab il-pazjent u mad-diżlivell soċjali. L-attenzjoni trid tkun iffokata fuq differenzi fl-infrastruttura reġjonali u fl-iżbilanċi soċjali f’termini ta’ impjeg u ġeneru.

Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ikunu proattivi, u jenfasizza l-ħtieġa għal prevenzjoni effettiva tal-forom ta’ kanċer okkupazzjonali, u jappella għal aktar riċerka dwar l-esponiment għall-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi kimiċi li jinterferixxu mas-sistema endokrinali u l-kawżi tal-kanċer okkupazzjonali, b’mod partikolari fin-nisa.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, l-Opinjoni tenfasizza r-rwol ewleni tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fejn jirrigwarda s-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni ta’ kampanji dwar stil ta’ għajxien f’saħħtu. (at)

Is-soċjetà ċivili għandha tingħata rwol attiv fid-difi ?a tal-valuri tal-UE



Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew wiegħed l-impenn kontinwu tiegħu li jaħdem flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE biex jiddefendi u jimplementa l-valuri ewlenin tal-UE, b'mod partikolari l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija.

F'dibattitu mal-Kummissarju Ewropew, **Didier Reynders**, dwar il-valuri Ewropej waqt is-sessjoni plenarja tal-10 ta' Ġunju, il-KESE talab aktar involviment demokratiku tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini fil-livell tal-UE, bil-ħsieb li l-parteċipazzjoni tagħhom testendi lil hinn mill-elezzjonijiet u biex jiġi ffaċilitat djalogu ċivili sinifikanti. Il-membri tal-KESE saħqu b'mod partikolari wkoll biex id-drittijiet soċjali u ekonomiċi jiġu rikonoxxuti bħala drittijiet fundamentali fl-UE.

Fil-plenarja, il-KESE ppreżenta u adotta l-Opinjoni tiegħu dwar [Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea](#) (EDAP) u dwar [Strateġija ġdida għall-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali](#), fejn ta l-appoġġ

tiegħu għall-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni mmirati biex jiproteġu l-valuri demokratiċi u d-drittijiet taċ-ċittadini fl-UE.

Il-president tal-KESE, Christa Schweng qalet: "Kullimkien hemm sfidi għall-valuri tal-UE; il-valuri ma jistgħux jitqiesu bħala ħaġa ċerta, anke f'pajjiżi bi tradizzjonijiet demokratiċi stabbiliti sew. Is-soċjetà ċivili għandha ħafna aspettattivi f'termini ta' rispons tal-UE, u trid li jkollha involviment attiv fid-diskussjonijiet nazzjonali u Ewropej dwar id-difiża ta' dawn il-valuri."

Is-Sur Reyners qal: "Ħafna mill-problemi se jirrikjedu approċċ tas-soċjetà sħiħa u kooperazzjoni internazzjonali, fi sforz ikkoordinat mill-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi u l-verifikaturi tal-fatti, is-settur privat, il-midja u ċ-ċittadini. Nilqa' bi pjaċir din il-kooperazzjoni siewja mal-Kumitat tagħkom f'dan ir-rigward."

Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-istrateġija rigward il-Karta, il-KESE talab miżuri biex jiproteġu u jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li għandhom jinkludu mekkaniżmu ta' allert għad-detezzjoni u r-rappurtar ta' fastidju. Talab li l-imsieħba soċjali jingħataw rwol akbar fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet stabbiliti mill-Karta.

Fl-Opinjoni tiegħu dwar l-EDAP, il-KESE rrakkomanda li l-Kummissjoni żżid pilastru separat għall-involviment tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali, u għall-promozzjoni tad-demokrazija fil-qasam tax-xogħol. Huwa qal li kien diżappuntat li l-EDAP naqas milli jindirizza r-rwol importanti tad-djalogo soċjali u n-negożjar kollettiv



“Huwa biss billi jid l-impatt tagħha li l-I?E tkun tista’ ter?a’ tg?aqquad l-UE ma?-?ittadini tagħha”

L-10 Jum tal-IĊE, iddedikat għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, sar eċċezzjonalment online u fuq jumejn. Il-President tal-KESE Christa Schweng, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Věra Jourová u l-Viċi President tal-Parlament Ewropew Pedro Silva Pereira evalwaw l-istat ta’ dan l-istrument uniku ta’ demokrazija parteċipattiva.

Fir-rimarki introdutturji tagħha, is-**Sinjura Schweng** saħqet li fattur ewlieni ta’ kull proċess parteċipattiv huwa l-impatt tiegħu: “Nuqqas ta’ impatt jista’ joħloq diżappunt, diżimpenn u frustrazzjoni fost iċ-ċittadini.” Żiedet tgħid: “Huwa biss billi jid l-impatt tagħha li l-IĊE ssir għodda

b’saħħitha li tkun tista’ terġa’ tgħaqqad l-UE maċ-ċittadini tagħha”.

S’issa, sitt inizjattivi biss irnexxielhom jilħqu l-limiti meħtieġa għall-iffirmar mill-2012 u l-impatt tagħhom kien pjuttost limitat u wasal tard. Madankollu, hemm raġunijiet għall-ottimizzmu minħabba li l-2021 rat jidħlu fis-seħħ l-ewwel żewġ biċċiet ta’ leġiżlazzjoni ispirati mill-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej: id-**Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb**, li kienet influwenzata mill-**inizjattiva Right2Water**, u l-hekk imsejjaħ **Regolament dwar it-Trasparenza**, li huwa segwitu għall-inizjattiva **Ban glyphosate**.

Fil-messaġġ bil-video tagħha, is-**Sinjura Jourová** ġibdet l-attenzjoni għall-bidliet u t-titjib introdotti mir-Regolament IĊE l-ġdid, li daħal fis-seħħ f’Jannar 2020. Hija mbagħad spjegat li l-impatt reali tal-inizjattivi tal-IĊE jmur lil hinn mis-segwitu leġiżlattiv: “Anke inizjattivi li ma jilħqux l-aħħar stadji formali tal-proċess jista’ jkollhom ukoll impatti multipli,” qalet. “Mill-mument li ċ-ċittadini jibdeu Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, huma jgħibu l-kwistjoni li jimpurtahom minnha fl-ispazju pubbliku. U dan jiġġenera għarfien u jipproduċi effetti.”

Is-**Sur Silva Pereira** qal li l-Parlament Ewropew kien għadu qed imexxi d-dibattitu dwar kif ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-IĊEu kif jista’ jittejjeb il-mod ta’ kif taħdem: “Huwa importanti li jiġi żgurat li jekk inizjattiva jirnexxilha tilħaq l-aħħar stadju, din tiġi kkunsidrati serjament u indirizzata kif support.” (na)



L-akkwist pubbliku ?irkolari g?andu jkun obligatorju g?all-gvernijiet fil-pajji?i tal-UE

B'nefqa annwali li tammonta għal madwar 14 % (jew EUR 2 triljun) tal-PDG kumplessiv tal-UE, il-gvernijiet huma l-akbar konsumaturi tal-Ewropa. In-nefqa tagħhom ġejja prinċipalment minn offerti pubbliċi biex jixtru x-xogħlijiet, is-servizzi u l-provvisti li jeħtieġu mill-kumpaniji.

Saret ħidma konsiderevoli fl-UE f'dawn l-aħħar snin biex l-awtoritajiet pubbliċi jiġu mħeġġa jadottaw xejriet ta' konsum aktar sostenibbli, u jħarsu lil hinn mill-ħtiġijiet tagħhom fuq medda qasira ta' żmien u jqisu l-impatti fit-tul ta' kull akkwist.

Mill-2017 'l hawn il-Kummissjoni Ewropea ħarġet gwida fil-forma ta' kriterji dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku, fejn introduċiet b'mod gradwali elementi tal-ekonomija ċirkolari sabiex jingħalqu l-loops tal-enerġija u l-materjali fil-ktajjen tal-provvista, filwaqt li jiġu minimizzati l-impatti negattivi ambjentali u l-ħolqien tal-iskart.

Madankollu, dawn il-miżuri kellhom impatt limitat peress li wieħed ikun konformi magħhom huwa volontarju. Il-KESE jemmen li wasal iż-żmien li jiġu introdotti **kriterji minimi obligatorji għall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku** u li l-ekonomija ċirkolari tingħata spinta qawwija permezz tad-direttivi dwar l-akkwist u leġiżlazzjoni speċifika għas-settur.

L-akkwist pubbliku ċirkolari għandu jippermetti lill-amministrazzjonijiet jimxu lil hinn mill-kriterju tal-prezz l-iktar baxx fil-ħin tal-akkwist.

“L-akkwist sikwit huwa kontroversjali għaliex il-kriterji tal-għażla għal proġetti ħafna drabi jixxaqilbu lejn naħa waħda, mingħajr kunsiderazzjoni għall-impatt taċ-ċiklu tal-ħajja jew il-kisbiet ta' proġett,” qal is-**Sur Wyckmans**. “L-idea li l-prezz l-iktar baxx għandu jkun l-uniku kriterju ta' allokkazzjoni għandha titqiegħed fil-ġenb u minflok jiġi favorit il-“valur għall-flus”, li jinkludi l-innovazzjoni, il-kwalità ta' prodotti u servizzi, is-sostenibbiltà, l-ekoloġizzazzjoni u l-impatt soċjali.”

Il-Kummissjoni Ewropea diġà żviluppat għadd ta' mudelli għall-[ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja](#) (LCC) li huma disponibbli b'xejn lix-xerrejja biex jiċċekkjaw skont il-prodotti u s-servizzi. Dawn l-għodod jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi jikkunsidraw l-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, ix-xogħol jew is-servizz, mix-xiri sal-operat u l-manutenzjoni sa tmiem il-ħajja. Dawn issa jridu jiġu aġġornati, qal il-KESE, biex jinkludi l-prezz tal-karbonju.

Il-KESE jemmen ukoll li huwa vitali li jiġi żgurat li l-**SMEs** ikollhom l-opportunità jagħmlu offerta għal kuntratti ċirkolari pubbliċi u jingħataw l-għajnuna li jeħtieġu. Dawn joffru potenzjal enormi iżda huma fil-periklu li jitwarrbu minħabba l-kumplessità tal-proċedura. Huwa biss jekk jiġi pprovdut l-appoġġ meħtieġ li jkun jistgħu jikkontribwixxu għal offerti lokali u orjentati lejn il-bniedem. (dm)



Trasparenza fil-pagi: miżuri vinkolanti huma me? tiegħa i?da mhumiex bi?ejjed biex titnaqqas id-differenza bejn il-?eneri fil-pagi

Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar trasparenza fil-pagi vinkolanti, iżda jqis li d-Direttiva proposta għandha tissaħħaħ f'diversi oqsma u għandhom jittieħdu aktar miżuri biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi.

Fl-[Opinjoni tiegħu adottata fid-9 ta' Ġunju](#), il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi, li tgħin lill-ħaddiema jinfurzaw id-dritt tagħhom għal paga ugwali f'każijiet fejn kienu vittmi ta' diskriminazzjoni fil-paga.

Madankollu, il-KESE jikkunsidra li d-direttiva proposta teħtieġ tissaħħaħ f'numru ta' oqsma, inklużi l-kriterji użati biex jiġi ddeterminat il-valur tax-xogħol, l-ambitu ta' xi miżuri ta' trasparenza u r-rwol tal-imsieħba soċjali u n-negozjar kollettiv.

Paga ugwali u xogħol ta' valur ugwali

Il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" japplika għal "kategoriji ta' ħaddiema" li, skont il-proposta tal-Kummissjoni, huma speċifikati minn min iħaddem. Il-KESE jemmen li huwa kruċjali li jkun hemm mekkaniżmi biex jiġi żgurat li l-kategoriji ta' ħaddiema jiġu determinati b'mod newtrali mil-lat tal-ġeneru, li jinvolvi t-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali.

Miżuri oħrajn immirati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet strutturali fil-qofol tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandhom jinkludu wkoll il-garanzija ta' kura tat-tfal adegwata u aċċessibbli, inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, l-iżgurar ta' rappreżentanza aħjar tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u l-eliminazzjoni ta' diżinċentivi relatati mat-taxxa għall-impjeg tan-nisa. L-istorja sħiħ fuq il-web hija disponibbli [hawnhekk](#). (na)



It-tis?i? tar-rwol internazzjonali tal-euro huwa essenzjali g?at-titjib tal-po?izzjoni globali tal-Ewropa

L-UE teħtieġ? tistabbilixxi objettivi ekonomiċi ambizzju?i biex issaħħaħ l-euro. Dan sar saħansitra aktar importanti minħabba l-pass tal-bidla fl-ekonomija globali u l-pożizzjoni attwali tal-UE f'termini ta' innovazzjoni, kompetittività u trawwim ta' ambjent regulatorju li jffavorixxi l-investment.

F'[Opinjoni adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Ġunju](#), il-KESE laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar [Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza](#). Peress li t-trasformazzjoni ta' wara l-pandemija qed tikkawża bidla sinifikanti fil-bilanċ globali tal-poter ekonomiku, l-UE għandha taġixxi malajr biex iżżid ir-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa. B'mod partikolari, il-Kumitat jaqbel

mal-ħtieġa biex jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro bħala għodda ewlenija għat-tisħiħ tal-pożizzjoni globali tal-Ewropa.

Tomasz Wróblewski (Grupp I, Grupp ta' Min l-ħaddem) kien relatur għall-Opinjoni tal-KESE. Huwa jaħseb li l-Kummissjoni għandha tiffoka aktar fuq ir-raġunijiet għad-dgħajfien tar-rwol internazzjonali tal-euro. Huwa qal "il-pożizzjoni globali tal-euro qed tiddgħajjef, iżda mhux malajr daqs dik tad-dollaru." "Dan ma jbidilx il-fatt li l-pożizzjoni tal-euro hija affettwata minn affarijiet differenti. L-ewwel nett, in-nuqqas ta' suq komuni integrat għas-servizzi finanzjarji. Mingħajr it-tlestija tal-**Unjoni Bankarja** u tal-**Unjoni tas-Swieq Kapitali** se jkun diffiċli għalina li nikkompetu mad-dollaru."

Il-KESE jirrakkomanda wkoll li tingħata aktar attenzjoni lill-ekonomija taċ-**Ċina** li qed tikber b'rata mgħaġġla u jappella għal pjan ta' azzjoni li jqis dan. Ir-rwol tar-renminbi Ċiniż qed jikber fil-kummerċ u l-ikklijar internazzjonali. Iċ-Ċina qed taħdem ukoll b'mod intensiv fuq il-munita diġitali tagħha, u qed tħalli l-parti l-kbira tad-dinja warajha. L-UE għandha tirreaġixxi malajr u l-KESE jappoġġja l-proposta li jinħoloq euro diġitali. "F'dan id-dominju," jirrimarka s-Sur Wróblewski, "l-Ewropa jista' jkollha soluzzjonijiet aktar attraenti, minħabba l-impenn tagħna għall-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-utent." (na)



[Il-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza: il-KESE jappella għal involviment ta' soċjetà ċivili organizzata fl-implimentazzjoni tagħhom](#)

L-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata għadu 'l bogħod milli jkun sodisfaċenti fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, il-KESE wissja fil-konferenza annwali tal-Grupp tas-Semestru Ewropew tiegħu, li saret mill-bogħod fil-31 ta' Mejju.

Il-konferenza dwar [Nibnu Ewropa reżiljenti - Is-Soċjetà Ċivili Organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza](#) rat kontributi minn kelliema ewlenin mill-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali Nazzjonali, il-gruppi ta' riflessjoni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE. Iffokat fuq tliet suġġetti: l-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (NRRPs), it-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija Ewropea ekoloġika, diġitali u sostenibbli u l-

implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-President tal-Kumitat **Christa Schweng** fetħet id-dibattitu billi enfasizzat l-isfida li nittrasforma din il-kriżi f'sensiela ta' possibilitajiet ġodda. Sfida partikolari hija li jiġi sfruttat b'suċċess il-potenzjal tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: "Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma ħadux sehem f'konsultazzjoni suffiċjenti mas-soċjetà ċivili organizzata, jew għamlu dan tard wisq", innotat is-Sinjura Schweng. "Is-sitwazzjoni issa hija sensiela ta' Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza li jvarjaw mhux ħażin fil-kwalità u l-metodoloġija u qed niġu fid-dubju dawn il-pjani humiex qed jilħqu l-ħtiġijiet fuq il-post".

Tiziano Treu, President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tal-Italja (CNEL), qal li r-rwol tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kien li toffri forma ġdida ta' governanza Ewropea, li trid tiġi simplifikata u tkun iktar effettiva, u trid tinkludi regoli xierqa biex jiġi żgurat l-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata.

Il-Viċi President tal-Grupp tas-Semestru Ewropew, **Luca Jahier**, qal: "'Pilastru taċ-Ċittadini" iktar b'saħħtu, li jinkludi s-soċjetà ċivili organizzata u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, f'allenza mal-parlament nazzjonali, se jkun kruċjali biex jiġi żgurat li l-proċessi ta' riformi u l-investimenti jiġu monitorjati b'mod adatt u jgħibu magħhom l-involviment neċessarju tal-partijiet interessati leġittimi". (na)



Lejn sistemi tal-ikel aktar sostenibbli – it-tran? izzjoni trid tkun inklużiva u ʔusta, jgʔid il-KESE

Sabiex jikkontribwixxi għas-**Summit tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021**, il-KESE organizza **seduta online fit-28 ta' Mejju** sabiex jesplora l-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi tas-sistemi tal-ikel Ewrope, u sabiex jidentifika kif jistgħu jinkisbu ktajjen ta' provvista aktar ekwi u ǵusti. Kelliema ta' livell għoli min-NU, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew skambjaw il-fehmiet tagħhom dwar it-tibdil meħtieǵ sabiex jissaħħu l-ekwità u l-ǵustizzja u għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fit-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel aktar sostenibbli.

Il-pandemija tal-COVID-19 hija sinjal ta' twissija għal bidla. Għalkemm il-bdiewa u l-ħaddiema tas-sistema tal-ikel kienu fuq l-ewwel linja matul il-kriżi tal-COVID-19, u pprovdew provvista ta' ikel mingħajr interruzzjoni għall-Ewropej kollha, "din il-kriżi enfasizzat il-fatt li l-ikel jitwassal "mill-għalqa sal-platt" m'għandux jitqies bħala fatt ovvju", qal **Andreas Thurner**, president tal-Grupp ta' Studju tal-KESE dwar Sistemi Sostenibbli

tal-ikel.

Il-KESE żviluppa bosta proposti u ideat speċifiċi matul is-snin, li jistgħu jinġabru f'ħames settijiet ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom jikkontribwixxu għas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel:

- I. Trawwim ta' politiki dwar l-ikel komprensivi u integrati;
 - II. Promozzjoni ta' dieti aktar tajbin għas-saħħa u aktar sostenibbli;
 - III. Żgurar ta' prezzijiet ǵusti u projbizzjoni ta' Prattiki kummerċjali inǵusti;
 - IV. Tisħiħ tal-potenzjal tal-ktajjen ta' provvista tal-ikel qosra u tal-agroekoloġija;
 - V. Żgurar ta' involviment u parteċipazzjoni strutturati tas-soċjetà ċivili.
-



L-ekoloġizzazzjoni tat-trasport jen?tie? li ttiprovdi alternattivi realisti?i

Il-Kumitat jappoġġja l-ekoloġizzazzjoni tat-trasport, iżda jenfasizza li t-tranżizzjoni tal-enerġija għandha tkun ġusta u ttiprovdi alternattivi vijabbli u realistiċi li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi ekonomiċi u soċjali u l-ħtiġijiet tal-partijiet kollha tal-Ewropa, inklużi ż-żoni rurali.

Dan huwa l-messaġġ ewlieni ta' Opinjoni li tfasslet minn **Pierre Jean Coulon** u **Lidija Pavić-Rogošić** u ġiet adottata fis-sessjoni plenarja ta' Ġunju tal-Kumitat. Il-KESE jadotta pożizzjoni ċara fil-valutazzjoni tiegħu dwar il-White Paper tat-Trasport tal-2011 li għandha l-għan li twaqqaf id-dipendenza tas-sistema tat-trasport miż-żejt tal-fjuwil mingħajr ma tikkomprometti l-effiċjenza tas-sistema u l-mobilità.

Li jkun hemm limitazzjonijiet fuq il-mezzi tat-trasport mhijiex alternattiva: il-mira għandha tkun il-komodalità, mhux il-bidla modali. Barra minn hekk, it-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ tkun soċjalment ġusta kif ukoll tippreserva l-kompetittività tat-trasport Ewropew, bl-implimentazzjoni sħiħa taż-Żona Ewropea tat-Trasport bħala parti mis-Suq Uniku. Id-dewmien f'dan ir-rigward huwa ta' diżappunt.

“Li nrażżnu l-mobilità mhijiex alternattiva. Aħna nappoġġjaw kull miżura mmirata biex it-trasport isir aktar effiċjenti fl-enerġija u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet”, qal **is-Sur Coulon**. “L-Ewropa tinsab għaddejja minn perjodu ta' tfixkil, iżda dan mgħandux iwassal għal bidla fid-direzzjoni f'termini ta' aspettattivi soċjali u ambjentali tad-diversi inizjattivi Ewropej.”

Il-KESE jħeġġeġ ukoll proċess ta' skambju ta' fehmiet miftuħ, kontinwu u trasparenti rigward l-implimentazzjoni tal-White Paper. “Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza li jinkiseb l-appoġġ tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet ikkonċernati, inkluż permezz ta' djalogu parteċipattiv”, żiedet tgħid **is-Sinjura Pavić-Rogošić**. “Fehim tajjeb u aċċettazzjoni wiesgħa tal-għanijiet strateġiċi se jkunu ta' għajna kbira biex jinkisbu r-riżultati.” (mp)



Il-KESE jiddibatti l-istrateġija industrijali Ewropea a??ornata

Fis-17 ta' Ġunju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) tiegħu kellhom dibattitu mqanqal fejn eżaminaw il-fehmiet tas-soċjetà ċivili organizzata wara l-pubblikazzjoni tal-Aġġornament tal-Kummissjoni Ewropea għall-Istrateġija Industrijali Ġdida. Id-dibattitu, li huwa l-ewwel wieħed f'sensiela ta' attivitajiet konġunti mis-sezzjonijiet tal-KESE dwar is-suġġett, staqsa jekk l-istrateġija aġġornata fihix biżżejjed elementi biex jissaħħu r-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-industrija tal-UE.

Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni aġġornat [l-Istrateġija Industrijali tal-UE](#) sabiex tassigura li l-ambizzjoni industrijali tagħha tiegħu kont sħiħ taċ-ċirkostanzi l-ġodda wara l-kriżi tal-COVID-19 u fit-trasformazzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli, diġitali, reżiljenti u kompetittiva globalment.

Il-President tas-CCMI, **Pietro Francesco De Lotto**, li ppreseda d-dibattitu, qal: "Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat ħafna proċessi li kienu diġà għaddejjin. Il-ħeffa li biha s-soċjetà u l-industrija kellhom jadottaw proċessi ta' diġitalizzazzjoni f'dawn l-aħħar 16-il xahar hija mingħajr preċedent u l-bidliet li esperjenzajna huma rivoluzzjonarji, l-ewwel bil-ktajjen tal-provvista, imbagħad b'tagħmir mediku u wara dan, bil-vaċċini. "

Il-President tas-Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum (INT), **Alain Coheur**, li kien kopresident tad-dibattitu, iddeskriva l-kuntest tal-ħidma tat-tieni panel, fejn qal: "Il-kriżi ġabet kwistjonijiet oħra fuq il-mejda li ma ssemwex fl-ewwel Komunikazzjoni dwar l-istrateġija industrijali f'Marzu 2020. Irridu naraw din il-kriżi bħala opportunità biex iż-żona Ewropea tingħata awtonomija industrijali".

Antony Whelan, konsulent diġitali tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, **Ursula Von der Leyen**, ippreżenta l-għodod tal-Kummissjoni li jkejlu d-dipendenza tal-UE, u qal: "Fl-eżerċizzju tagħna minn isfel għal fuq identifikajna għadd limitat ħafna ta' żoni fejn l-UE kollha kemm hi hija f'sitwazzjoni ta' dipendenza inkwetanti."

Il-KESE ser jorganizza sensiela ta' dibattiti dwar l-istrateġija industrinalli: seba' webinars, li jibdeu b'dak attwali fis-17 ta' Ġunju. Dibattitu ta' għeluq ta' livell għoli huwa ppjanat għal Marzu 2022. (ks)



Imsieħba Trans-Atlantiġi determinati li ja'ixxu fuq kliemhom

Il-Kumitat ta' Segwitu tal-KESE dwar ir-Relazzjonijiet Trans-Atlantiġi Itaq' ftit jiem qabel is-summit ta' livell għoli bejn l-UE u l-Istati Uniti sabiex jiddiskuti firxa wiesgħa ta' suġġetti ta' importanza għas-soċjetà ċivili, l-ewwel u qabel kollux dwar it-tibdil fil-klima u l-kummerċ.

“Sinjali inkoraġġanti f’kull aspett ġejjin miż-żewġ naħat tal-Atlantiku”, qal **Christian Moos**, President tal-Kumitat ta' Segwitu tal-KESE dwar ir-Relazzjonijiet Trans-Atlantiġi.

David Livingston, konsulent ta' livell għoli għall-Mibgħut Speċjali Presidenzjali tal-Istati Uniti għall-Klima John Kerry, ikkonferma li l-amministrazzjoni attwali issa tinsab impenjata bis-sħiħ sabiex jintlaħqu, iżda wkoll li jmorru lil hinn, l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. “Mhux se jkun aċċettabbli”, huwa sostna, “li l-pajjiżi atturi ewlenin jħallu li tintemm is-sena 2021 mingħajr ma jkun hemm aġġornamenti sostanzjali għall-

kontributi stabbilit fil-livell nazzjonali tagħhom, li huma fil-qalba tal-Ftehim ta' Pariġi”.

“Il-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili fl-Istati Uniti flimkien mal-UE u ma' pajjiżi oħra ppermettiet lill-Istati Uniti jżommu l-involvement, minkejja n-nuqqas ta' impenn mill-amministrazzjoni preċedenti”, innotat **Elina Bardram**, mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Azzjoni Klimatika (DG CLIMA).

Emilie Bel mill-Kunsill Atlantika enfasizzat li l-Ewropej huma lesti li jibnu aġenda kummerċjali pożittiva, iżda fuq bażi bilanċjata b'mod ugwali.

Marjorie Chorlins mill-Kamra tal-Kummerċ tal-Istati Uniti, affermat li, minkejja t-turbulenza politika trans-Atlantika u r-reċessjoni kkawżata mill-COVID-19, l-Istati Uniti u l-Ewropa baqgħu s-swieq l-aktar importanti ta' xulxin. Ir-rapport [Transatlantic Economy 2021](#) (Ekonomija Trans-Atlantika 2021), li għadu kif ġie ppubblikat, juri li ż-żewġ msieħba jirrappreżentaw perċentwali sostanzjali tal-konsum globali u tal-PDG globali.

Tanja Buzek, il-President tal-Kumitat ta' Segwitu tal-KESE dwar il-Kummerċ Internazzjonali, enfasizzat l-importanza tal-involvement tas-soċjetà ċivili għal politika kummerċjali trasparenti u l-ħtieġa għal koalizzjonijiet b'saħħithom sabiex tiġi riformata l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. (at)

Pubblikazzjoni 7da: L-attivitajiet tal-KESE matul il-Presidenza Slovena (Lulju-Di9embri 2021)



The EESC's activities during the Slovenian Presidency



Fit-tieni nofs tal-2021, is-Slovenja ser ikollha l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għat-tieni darba. U għat-tieni darba f'mument kritiku għall-Ewropa.

Fl-2008, l-UE kienet qed tiffaċċja l-kriżi finanzjarja u llum għadha qed tissielet mal-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, mhuwiex sorprendenti li t-tnejja u r-reżiljenza tal-UE għall-kriżijiet, b'mod partikolari l-kriżijiet tas-saħħa, huma fost il-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Slovena, flimkien ma' sfidi strateġiċi oħra, bħaċ-ċibersigurtà. Huwa wkoll matul il-Presidenza Slovena li għandha tiġi implimentata l-biċċa l-kbira tal-kompiti relatati mal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

Il-KESE jinsab ħerqan biex jaħdem mill-qrib mal-Presidenza Slovena, speċjalment peress li għandna l-istess prijoritajiet: l-irkupru, tranżizzjoni klimatika u dik diġitali ġusti u d-difiża tal-istat tad-dritt huma wkoll fil-qalba tal-ħidma tal-KESE.

Dan il-fuljett huwa disponibbli bl-EN, il-FR, il-DE u s-SL fis-[sit web tal-KESE](http://sitweb.tal-KESE). Tista' titlob kopja stampata billi tikkuntattja lil vipcese@eesc.europa.eu.

A?BARIJET MILL-GRUPPI

Webinar tal-Grupp ta' Min I?addem dwar id-di?italizzazzjoni jappella g?al Att Rural Di?itali



Webinar Challenges of the Digital & new EU Economy

14/06/2021 | 10:00-12:30 | EESC

Mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

Wara l-adozzjoni reċenti tal-Opinjoni tal-KESE dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) fil-Plenarja ta' Ġunju, il-Grupp ta' Min Iħaddem ospita webinar dwar "L-Isfidi tad-dinja diġitali u l-ekonomija l-ġdida tal-UE" fl-14 ta' Ġunju.

Id-diġitalizzazzjoni tittrasforma s-soċjetajiet u l-ekonomiji. Is-servizzi diġitali qed jinsġu dejjem aktar fl-ekonomija tal-Ewropa u qed isawru l-

futur diġitali tal-Ewropa, xejra li kompliet tiġi aċċellerata bil-kriżi tal-COVID-19. Il-Kummissjoni Ewropea kienet partikolarment attiva fit-tnedija ta' inizjattivi differenti biex titrawwem is-sovranità diġitali tal-Ewropa, permezz tal-assigurar ta' ambjent online sikur, ġust, miftuħ u trasparenti għaċ-ċittadini tagħha u billi jiġi rilaxxat il-potenzjal tas-Suq Uniku Diġitali tagħha.

Madankollu, il-progress fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni mhuwiex indaqs madwar l-UE. Ħafna komunitajiet rurali u mbiegħda qed ifittxu b'mod attiv opportunitajiet ġodda fis-servizzi diġitali sabiex imexxu t-tkabbir ekonomiku, iżda jiffaċċjaw diffikultajiet minħabba infrastruttura u ħiliet inadegwati.

Il-webinar, li sar taħt l-awspiċji tad-Delegazzjoni Portugiża tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, fil-qafas tal-presidenza Portugiża, li għamlet din il-kwistjoni waħda mill-ogħla prijoritajiet tagħha, kellu l-għan li jikkontribwixxi għad-dibattitu dwar kif id-DMA u d-DSA isiru "adegwati għall-użu" u b'hekk jikkontribwixxi għall-proċess leġiżlattiv.

Il-kelliema u l-parteċipanti rrikonoxxew il-ħtieġa li tingħalaq il-qasma diġitali urban-rurali bil-varar tal-fibra u tal-5G fil-bliet, kif ukoll fiż-żoni rurali, u appella għal Att Rurali Diġitali.

Fir-rigward tal-infrastruttura diġitali, l-impjegaturi fl-UE qed isejġu għal ħiliet. It-tranżizzjoni diġitali tista' ssir realtà biss jekk l-Ewropej kollha jkollhom litteriżmu diġitali bażiku u jekk ikun hemm biżżejjed forza tax-xogħol diġitali b'ħiliet. L-impjegaturi enfasizzaw li l-UE u l-Istati Membri jridu jieħdu vantaġġ sħiħ tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-istrumenti kollha ta' finanzjament li jeżistu (DEP, InvestEU, il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni) sabiex tinbena Unjoni tassew DIĠITALI.

Il-kelliema saħqu wkoll fuq il-fatt li huwa biss billi tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali li l-kumpaniji tal-Ewropa jkunu jistgħu jespandu fl-Unjoni Ewropea. Leġiżlazzjoni armonizzata se tgħin biex il-kumpaniji Ewropej ma jkollhom jitrattaw 27 sistema legali differenti, u jkollhom ċertezza legali, prevedibbiltà u kundizzjonijiet indaqs f'suq fejn il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni huma ġusti għal kulħadd, partikolarment l-SMEs, li jikkupaw il-maġġoranza vasta tal-pjattaformi diġitali.

Flimkien ma' Suq Uniku Diġitali komplet, l-impjegaturi tal-UE appoġġjaw bis-sħiħ ukoll l-oġettiv ewlieni tar-restawr tas-Sovranità Diġitali tal-Ewropa, filwaqt li għadhom miftuħa għall-kummerċ ħieles u jappoġġjaw sistema multilaterali. F'dak ir-rigward, huma laqgħu l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) bħala parti mit-tweġiba tal-Ewropa favur il-ħolqien ta' kundizzjonijiet indaqs għas-servizzi online kollha, konformi mal-valuri u l-istandards Ewropej.

Madankollu, huma enfasizzaw li jekk l-UE trid issir attur ġeopolitiku b'saħħa diġitali reali, trid tingrana kemm il-poter regolatorju tagħha kif ukoll il-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi rinfurzati sabiex tavvanza l-mudell Ewropew tad-diġitalizzazzjoni u l-għamla tal-ambjent globali.

Biex tkun taf iktar dwar l-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet, jekk jogħġbok ikklikkja [hawn](#) (dv)



G?ajnuna biex ting?alaq id-differenza bejn il-?eneri fil-pagi qabel l-2104

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Bħala medja, [in-nisa jaqilgħu 14% inqas mill-irġiel fl-Ewropa](#). F'xi pajjiżi s-sitwazzjoni qed titjeb bil-mod; f'oħrajn qed tmur għall-agħar. Id-differenza hija mistennija li tiġi fix-xejn bejn wieħed u ieħor fis-seklu tnejn u għoxrin fl-Unjoni Ewropea, iżda f'pajjiżi bħal Franza [hija mistennija li ddum 1000 sena oħra](#).

Ir-raġunijiet għad-differenza fil-pagi jvarjaw: segregazzjoni settorjali (in-nisa huma rrappreżentati żżejjed f'setturi b'paċi baxxi); il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (in-nisa jgħaddu aktar ħin f'xogħol mhux imħallas fid-dar); is-saqaf tal-ħġieġ (inqas minn 10% tas-CEOs huma nisa); u diskriminazzjoni pura, minkejja l-liġi.

Biex tgħin fl-indirizzar tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u biex tintemm id-diskriminazzjoni fir-rigward ta' paċi, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet [proposta għal Trasparenza fil-Pagi](#) b'mekkaniżmi ta' infurzar biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali. Il-proposta tinkludi l-kunċett fundamentali ta' **regoli vinkolanti dwar it-trasparenza fil-pagi**, b'titjib ukoll fl-aċċess għall-ġustizzja.

Filwaqt li t-trasparenza fil-pagi bl-ebda mod ma hija l-unika għodda għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi, li wieħed ikun jista' jidentifika strutturi ta' preġudizzju fir-rigward tal-ġeneru huwa punt kruċjali biex jiġu indirizzati d-differenzi fil-pagi.

Il-KESE ssuġġerixxa titjib fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni f'[Opinjoni](#) li tappella biex id-direttiva tissaħħaħ billi tiggarrantixxi li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dan il-vantaġġ, mhux biss dawk li jaħdmu għal kumpaniji kbar. Is-suċċess ta' dawn il-miżuri jiddipendi fuq impenn ġenwin mill-imsieħba soċjali.

L-iżgurar ta' paċi iktar ġusti u tmiem id-diskriminazzjoni tal-pagi huma miri ewlenini għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema kollha fl-Ewropa.



Il-libertà tal-midja ma tistax titqies b'ala ?erta, i? da trid ti?i ppreservata b' mod attiv

Minn Elena-Alexandra CALISTRU, membru tal-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE

Ftit postijiet fid-dinja jgawdu minn tradizzjoni soda b'hal dik Ewropea, li t'ħares il-valuri tal-midja ħielsa u indipendenti. Madankollu, il-wasla ta' pjattaformi diġitali, tendenzi illiberali biex jingħalaq l-aċċess għall-informazzjoni, it-theddida dejjem tikber għall-ġurnalisti investigattivi u l-kriżi ġġenerata mill-COVID-19 ilkoll qed ipoġġu pressjonijiet differenti, iżda simultanji, fuq l-ekosistema li tippermetti l-eżistenza ta' midja libera b' mod eċċezzjonali u li din taqdi r-rwol demokratiku tagħha.

Il-KESE reċentement adotta [Opinjoni](#) dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar [Il-Midja tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni](#). **B' mod partikolari, ilqajna bi pjaċir il-konferma li dawn ix-xejriet sottostanti u l-kriżi tal-COVID-19 jistgħu, fin-nuqqas ta' rispons qawwi ta' appoġġ politiku u finanzjarju, idgħajfu r-reżiljenza tas-settur tal-midja tal-Ewropa u r-rwol demokratiku tiegħu.**

L-istrumenti proposti fil-Komunikazzjoni jinkludu firxa wiesgħa ta' miżuri ffukati fuq l-irkupru u t-trasformazzjoni tal-industrija tal-midja u fuq iż-żieda tar-reżiljenza tagħha. Biex dan iseħħ, għandhom jittieħdu passi biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li qed tiffaċċja l-industrija u biex jitrawwem ambjent abilitanti li fih il-midja u s-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jipparteċipaw f'dibattitu miftuħ, ħieles mill-interferenza illeċita u d-diżinformazzjoni.

Madankollu, jekk irridu li l-UE tibqa' l-aħjar post possibbli għal-libertà tal-midja, irridu nqisu xi punti importanti.

L-ewwel nett, il-miżuri għandu jkollhom rabta mar-realtajiet soċjali li jwasslu għad-diskrepanzi fix-xenarju tal-industrija tal-midja u dik awdjoviżiva fl-Istati Membri differenti, u mad-daqs u l-ħtiġijiet differenti tal-midja lokali u nazzjonali. Għalhekk, l-appoġġ finanzjarju għandu jkun trasparenti, aċċessibbli u inklużiv, speċjalment fir-rigward tal-midja lokali u negozji ġodda tal-midja. It-tieni nett, is-soċjetà ċivili trid tissieħeb f'dan, sabiex tagħti tawtonomizza lill-individwi, issaħħaħ il-libertà tal-midja u tiġġieled id-diżinformazzjoni permezz tal-litteriżmu medjatiku.

Jekk irridu li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ewropa dwar il-Midja jirnexxi, il-partijiet interessati kollha jeħtieġ li jimpenjaw ruħhom fl-isforz biex tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-midja għall-valuri demokratiċi tagħna.

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS


Il-Mużew u s-Sit ta' Tifkira ESMA fl-Arġentina: simbolu tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Grupp tal-Ħaddiema ppreżenta l-kampanja biex il-Mużew u s-Sit ta' Tifkira ESMA fl-Arġentina jagħmel parti mill-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO.

Il-Mużew u s-Sit ta' Tifkira ESMA fl-Arġentina huwa ċentru klandestin ta' detenzjoni, tortura u qirda matul id-dittatorjat Arġentin ta' bejn l-1976 u l-1983. Simbolu tal-istorja Arġentina, huwa fl-istess ħin istituzzjoni ta' rilevanza internazzjonali peress li jipprovdi aktar evidenza ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u delitti kontra l-umanità, li qatt ma għandhom jintesew.

Il-kampanja biex l-ESMA jsir sit ta' patrimonju UNESCO hija appoġġjata mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, it-trade unions tal-Mercosur u l-Ambaxxata Arġentina għall-Unjoni Ewropea.

L-avveniment sar online fit-30 ta' Ġunju u xxandar fuq il-paġna web tal-KESE u fuq il-kanali tal-midja soċjali tiegħu. Tista' ssib iktar informazzjoni [hawnhekk](#). (ck)



ESMA Site Museum in Arġentina:
A Symbol of Human Rights
Campaign for its recognition as a UNESCO World Heritage site
Online and Web-Streamed event
Événement en ligne et diffusé sur internet

Le musée du site de l'ESMA en Argentine:
un symbole pour les droits de l'homme
Campagne pour son inscription sur la liste du patrimoine mondial de l'UNESCO

30/06/2021 | 16:00 | JDE60

76
European Economic and Social Committee | Comité économique et social européen
MEMORIA ARGENTINA PARA EL MUNDO
MUSEO ESMA Patrimoniu Dinji Nunca Más

[Culture] event

A decade of climate change
Une décennie de
changement climatique



G?axar snin ta' tibdil fil-klima fir-ritratti ta' Ciril Jazbec

Sabiex jiċċelebra l-bidu tal-Presidenza Slovena tal-Kunsill tal-UE, il-KESE jippreżenta wirja online tal-fotografu Sloven ippremjat **Ciril Jazbec**, li rebaħ il-Premju Leica Oskar Barnack u rċieva l-premju World Press Photo fl-2021.

Il-wirja virtwali tar-ritratti "A decade of climate change" turi sensiela ta' 25 ritratt li tagħmel parti mill-proġett fit-tul tal-artist "Climate Change Resilience".

L-inawgurazzjoni uffiċjali se ssir fit-8 ta' Lulju permezz ta' Art Talk f'xandira diretta fuq Facebook u ospitata mill-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, **Cillian Lohan**, fil-preżenza tad-Deputat Rappreżentant Permanenti tas-Slovenia għall-UE, l-Ambaxxatur **Tamara Weingerl Požar**, tal-membri Sloven tal-KESE, **Neža Repanšek**, u tal-artist innifsu.

Il-wirja online se ddum mill-5 ta' Lulju sat-30 ta' Lulju 2021. Titlifix iċ-ċans li taraha [hawnhekk](#). (ck)

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri g?al din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)

Aude Francois (af)
Chrysanthi Kokkini (ck)
Daniela Marangoni (dm)
Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Fabiola Giraldo Restrepo (fgr)
Jasmin Kloetzing (jk)
June Bedaton (jb)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Magdalena Walczak Jarosz (mwj)
Nicola Accardo (na)
Pablo Ribera Paya (prp)
Sveto Trajkovski (st)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffiċjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbag?at link lill-EDITOR.

07/2021